**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 03/07**

l-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013 fil-5.30pm

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* |
| *PAUL J. PACE* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* |
| *ANTONELLA GALEA* | *ASST. PRINCIPAL* |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż korrispondenza)
3. Ingaġġ ta' Skrivana fuq Skala 15 fuq bażi Full Time
4. Audit Investigattiv
5. Affarijiet Finanzjarji : i) *Skeda ta' Pagamenti għax-xahar ta' Mejju 2013*
   ii) *Quarterly Financial Report – Jannar sa Marzu 2013*
6. Ħwejjeġ oħra
7. Għeluq tal-laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

## 1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i Il-Minuti tal-Laqgħa tas-Seduta 02/07 ġew moqrija mis-Sindku peress li ma ġewx mgħoddija minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)

i. Is-Sur Paul Farrugia dwar il-proġett staqsa x'ġara dwar l-artiġġanat? Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s'issa nies interessati u li kienu ġew jinkitbu huma 4 biss. Pero hu min naħa tiegħu diġa' qed jagħmel kuntatt ma xi nies li jagħmlu dan it-tip ta' xogħol sabiex forsi jinvolvu ruħhom. ERDF

i.i Is-Sur Farrugia qal ukoll li fil-parti tal-proġett ta' Pjazza Sta Tereża fl-Information Kiosk rriddu nsibu lil xi hadd li joqgħod fiha. Minn ġo din il-kiosk ser tingħata l-informazzjoni kollha relatata kif ukoll ser isir it-tqassim tal-interactive dvd.

i.ii Is-Sur F.Agius qal li biex forsi nevitaw aktar spejjeż fuq il-Kunsill jissuġġerixxi li nkellmu lil xi ħadd mill-MTA forsi jipprovdulna persuna huma.

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Housing Authority s'issa għadha ma pproċessatx l-pagament. Proġett-Tisbiħ Luqa Road

ii.i Dwar biċċa art l-oħra in konnessjoni ma' dan il-proġett maħsuba li ssir parkeġġ, is-Sindku qal li l-permess tal-MEPA, ġie rivedut u minn €2919.24 issa rridu nħallsu €2699.24. Dan il-permess ikun validu għal 5 snin li jistgħu jerġgħu jiġġeddu. Is-Sindku kompla jgħid li skond il-kunratt iffirmat mal-Lands, id-devoluzzjoni tal-art tkopri perjodu ta' 15-il sena. Parkeġġ propost Luqa Road

ii.ii Is-Sur P. Farrugia staqsa dwar jekk hemmx xi klawsola li tistipola xi żmien li jrid jinbeda l-proġett propost. Is-Seg. Eżek. wieġeb li m'hemm xejn indikat f'dan is-sens u l-unika ħaġa hija li ladarba jinbeda x-xogħol dan irid ikun konkluż fi żmien 6 xhur.

ii.iii Is-Sindku ssuġġerixxa li l-parti ta' fuq ta' Ġnien Joanne dik li tmiss ma' Luqa Road tinbidel u tiġi f'parkeġġ riżervat għal dawk ir-residenti tal-blokki. Dan qed jissuġġerih għal fatt li l-ispejjeż involuti jkunu ferm inqas minn dawk stmati għall-proġett tal-parkeġġ oriġinali biswiet l-istess blokki.

ii.iv Is-Sur P. Farrugia rrimarka li l-iskop orġinali meta saret l-applikazzjoni kien li taħt il-propost parkeġġ jinbdew xi garaxxijiet li l-Kunsill jkollu dħul finanzjarju minnhom. Kompla jgħid ukoll li hu ma jaqbilx li jintmiss proġett magħmul minn Gvern Laburista.

ii.v Is-Sur K. Darmanin qal li nistgħu nitolbu permess lill-MEPA u naraw x'jiġri.

ii.vi Is-Sur F. Agius staqsa b'liema mod jista' l-Kunsill jikkontrolla li jkun għar-residenti tal-blokki biss? Is-Sindku wieġeb li f'dak il-każ nistgħu napplikaw għal residential parking.

ii.vii Il-kunsilleri qalu li huma assulutament ma jaqblux mar-residential parking.

ii.vii Is-Sur F.Agius ssuġerixxa li dan is-suġġett jiġi diskuss f'laqgħa oħra tal-Kunsill u jitniżżel fl-Agenda.

iii Is-Seg. Eżek. ser jitkellem mas-Segretarja tal-Perit tal-Kunsill sabiex jiġbor aktar dettalji dwar il-ħlas tal-permess tal-MEPA u b'hekk ikun f'pożizzjoni li jgħaddi aktar dettalji lill-Kunsill sa laqgħa oħra li jmiss.

Iv Is-Sindku qara ittra li rċevejna mingħand is-Sur Vincent Schembri rigward biċċa art fi Triq Ħal Luqa fejn sar il-proġett ta' ameljorament bejn il-blokki.

Is-Sur P. Farrugia qal li flimkien mas-Seg. Eżek kien mar il-Lands Dept u ċċekja u ma sabu xejn. Saħansitra kienet saret anke Mistoqsija Parlamentari.

Ġie deċiż li s-Seg. Eżek. jerġa jiċċekja mal-Lands Dept u jibgħat l-inkartament kollu lill-Avukat tal-Kunsill għall-parir tiegħu. Is-Seg. Eżek. ser jirraporta lura lill-Kunsill f'laqgħa oħra li jmiss.

V Rigward il-każ li kellna pendenti ma' l-ARRIVA dwar il-każ tal-inċident fil-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra, irċevejna Discharge Form mill-kumpanija CITTADEL għal rifużjoni ta' €800 spejjeż. Ser niċċekjaw li dan l-ammont huwa dak mistenni u jekk kollox ikun sew is-Sindku ser jiffirma din id-Discharge Form sabiex fl-aħħar jgħaddulna l-pagament mistennija.

vi Dwar ir-Restawr tan-Niċċa ta' San Pawl, is-Seg. Eżek. qal li rċevejna 3 kwotazzjonijiet. Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li l-irħas kwotazzjoni hija dik ta' ReCoop għal valur ta' €1269.69 VAT inkluż. Is-Seg. Eżek ser jikkuntatja lill-kumpanija msemmija sabiex jinbeda x-xogħol malajr kemm jista' jkun. Sadanaittant is-Seg. Eżek kompla jgħid li għamel kuntatt mad-Dipt. Gvern Lokali sabiex jara x'aktar għandhom bżonn min naħa tagħhom sabiex jinbeda x-xogħol. Restawr tan-Niċċa ta' San Pawl

vii Rigward il-PV System, is-Seg. Eżek ser ikellem lill-Kuntrattur sabiex japplika għall-meter. Is-Seg. Eżek ser ikompli jsegwi dan il-każ. PV System

viii Is-Sindku qal li tkellem mal-Kuntrattur li qed jieħu ħsieb ix-xogħol fil-komun tal-Blokki tal-Flats tal-Gvern fejn il-kuntrattur tah kelma li sa l-aħħar tal-gimgħa x-xogħol fi Blokk 4 għandu jkun lest.

ix Rigward il-PPP, is-Seg. Eżek. qal li reġa tkellem mad-Dipt. Gvern Lokali sabiex jipprova jgħaġġel l-proċess tal-ħlas. PPP u Resurfacing

Is-Seg. Eżek. kompla jispjega li fir-rigward ta' xogħol tar-resurfacing, huwa tkellem mal-Perit fejn mill-kontijiet jidher li l-Kunsill ġie mitlub iħallas għal xogħol tal-Kumpanija GO. Il-kuntrattur diġa kellu ftehim mal-kumpanija GO li x-xogħol li ser jagħmel ser ikun jitħallas dirett hu u għalhekk il-kuntrattur mhux suppost li reġa talab lil Kunsill il-ħlas għal dan l-istess xogħol. Il-Seg. Eżek. qal li hu ser jagħmel laqgħa mal-Perit u l-kuntrattur sabiex jerġgħu jduru l-kontijiet u fejn hemm ħlas doppju l-kuntrattur ser jiġi mitlub joħroġ *Credit Notes*.

Is-Seg. Eżek. spjega wkoll li tkellem mad-Dipt. Gvern Lokali fejn infurmahom li peress li xogħol tat-trenching relatat mal-WSC kienet spiża mhix ppjanataw għall-Kunsill, talabhom sabiex jikkunsidraw li jżidulna aktar l-għajnuna finanzjarja f'dan ir-rigward. Huwa qal li d-Dipt. Gvern Lokali aċċetta u ser jżidu l-fondi bi 30%.

x Is-Sur P. Farrugia staqsa lis-Seg. Eżek jekk il-pagamenti fuq l-aħħar Skeda ta' Pagament għaddewx kollha. Is-Seg. Eżek. wieġeb li ladarba ċċekja l-affarijiet kollha ta struzzjonijiet sabiex il-pagament jgħaddu kollha kif maqbul.

Bozoz ġodda

xi Is-Sindku nforma lill-Kunsill li mill-4 bozoz li kellna l-approvazzjoni mill-Enemalta sabiex nipproċedu, twaħħlu 2 biss. Għal fatt li waħda mit-tnejn li ma twaħħlux ir-residenti qalu li hemm biżżejjed dawl u l-oħra meta ġew biex iwaħħluwa peress li din trid teħel ma' blokk ta' appartamenti, is-sid tal-flat ta' taħt aċċetta filwaqt li ta' fuqu le u allura ma twaħlitx.

Tiswija/Bdil tal-Bandli

xii Is-Sindku qal li ċempillu tal-MQUIP fejn staqsih x'ser nagħmlu fuq it-tiswija/bdil tal-bandli. Kompla jgħid li hu nfurmah li għalissa ser iwaqqaf kollox u fil-każ jerġa jkellmu iktar 'il quddiem.

Użu tal-Ground 5a side

xiii Rigward l-użu tal-ġround 5a side s-Sindku nforma lill-Kunsill li ladarba tgħaddi l-festa ser jieħu ħsieb ilaqqa' l-partijiet kollha.

Festival tal-Fjuri

xiv Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Festival tal-Fjuri ser jiġi pospost għal żmien ieħor iktar adekwat.

Convenant of Mayors

xv Is-Sindku staqsa lis-Sur P. Farrugia dwar email li rċevejna fuq il-Convenant of Mayors. Is-Sur P. Farrugia qallu sabiex jagħmel kuntatt mas-Sur Jimmy Magro tal-AKL sabiex jispjegalu eżatt xi jrid isir.

EUPA – Youth Exchanges

xvi Is-Sindku qal li rċieva korrispondenza mingħand EUPA dwar xi ħlas pendenti. Is-Sindku staqsa lis-Sur P. Farrugia sabiex jgħati iktar dettalji dwar dan is-suġġett. Is-Sur Farrugia spjega li suppost kollox kien imħallas u kemm –il darba hu flimkien ma' Ex Seg. Eżek. iltaqgħu magħhom u rranġaw l-affarijiet. Is-Sur Farrugia talab lis-Seg. Eżek. sabiex ifittex fl-Accounts u fil-file u hemmhekk għandu jsib kollox spjegat.

Is-Seg. Eżek. ser jiċċekkja u jirraporta f'laqgħa oħra li jmiss.

*Is-Sur Ishmael Dalli wasal fis-7.15pm*

Razzett fl-akkwati ta' Triq San Tumas

xv Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa ma' xi residenti li joqgħodu fl-akkwati tar-razzett li hemm fi Triq San Tumas. Dawn l-istess residenti għaddewlu wkoll xi ritratti u talbuh biex jaraw forsi l-Kunsill jistax jintervjeni b'xi mod.

xv.i Is-Sur P.Farrugia qal li aħna bħala Kunsill u bħalma dejjem tkellimna m'għandniex nidħlu fiha ladarba l-każ qiegħed Sub Giudice. Is-Sur K. Darmanin qabel ma' li qal s-sur P. Farrugia.

xv.ii Is-Sindku wieġeb li hu tal-parir li aħna bħala Kunsill nistgħu nitolbu lill-Avukat tal-Kunsill jagħtina l-parir legali tiegħu u ninfurmaw lir-residenti b'dik l-informazzjoni li jkollna f'idejna.

Il-Kunsill qabel mas-Sindku.

Ingaġġ ta' skrivana full time

## 3 <u>Ingaġġ ta' Skrivana fuq Skala 15 fuq Bażi Full Time</u>

i Is-Seg. Eżek. informa lill-Kunsill li wara li kemm id-Dipt. Gvern Lokali kif ukoll l-ETC tawna l-approvazzjoni tagħhom sabiex noħorġu għas-sejħa, sa data tal-għeluq waslu 4 applikazzjonijiet – 1 mill-Kunsill tagħna stess, 1 minn Kunsill Lokali ieħor u 2 thru' l-ETC.

ii Ġie maħtur Bord ta' l-Għażla kompost minn : Is-Sindku s-Sur J. Abela, Is-Seg. Eżek is-

Sur P. J. Pace, il-Kunsillieri s-Sur F. Agius u s-Sur L.Bonavia. L-Interviews ser isiru nhar l-Erbgħa 12 ta' Ġunju fis-6.00pm.

## 4 Audit Investigattiv

Audit Investigattiv

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Seg. Eżek waqt li kienu qed jiċċekjaw l-ispejjeż involuti tal-festa tal-2012 innota li l-ispiża tal-bins on wheels kienet kemmxejn għolja u għalhekk is-Seg. Eżek iċċekjaha mal-preżżijiet kkwotati fit-tender u sab li kien hemm xi diskrepanzi. Apparti minnhekk waqt li kien qed idur il-kontijiet kollha sab xi nuqqasijiet oħra.

Sadanittant is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Kuntrattur li għandna tender miegħu tal-iskips u bins on wheels u wrih dawn in-nuqqasijiet u talbu jekk jistax jipprovdi l-istess servizz tas-sena l-oħra imma bil-prezz hekk kif indikat fit-tender. Il-Kuntrattur baqa' jsostni li dak il-prezz ma kienx jinkludi l-festa u li għalhekk din is-sena ma setgħax jipprovdi s-servizz b'dak il-prezz indikat fit-tender imma bir-rati bħas-snin ta' qabel.

Is-Sindku kompla jgħid li skond il-liġi obbligat li jinforma lill-Ministru responsabbli b'dawn in-nuqqasijiet kif fil-fatt għamel.

Il-Kunsill qabel li nistennew l-eżitu tal-Awdituri.

## 5 Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti

i Il-Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti nru 02/07. Din l-iskeda ġiet iffirmata mis-Sindku s-Sur Joseph Abela, mis-Seg. Eżek is-Sur Paul J. Pace u minn żewġ Kunsillieri.

ii Is-Seg. Eżek. spjega l-Quarterly Financial Report għal-perijodu bejn Jannar sa Marzu 2013 ippreparat mill-Accountant tal-Kunsill. Dan ir-Rapport ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

iii Is-Seg. Eżek. ressaq quddiem il-Kunsill Projected Cashflow għas-sena 2013 u ta spjegazzjoni tat-tabella kif ppreżentata.

## 6 Ħwejjeġ oħra

**6.1** Il-Kunsillier Keith Darmanin u l-Kunsilliera Doris Vella ppreżentaw il-lista ta' persuni sabiex ikunu membri fis-Sotto Kumitat rispettiv tagħhom:

**6.1.1** Il-Kunsill approva nem. con. li l-persuni li isimhom jidher hawn taħt bħala membri fis-Sotto Kumitati.

6.1.2 Sotto Kumitat Żgħażagħ u Sports (Keith Darmanin)

Joseph Farell, Michael Cassar, Claudienne Lanzon, Rodney Pisani, Kimberley Vella

6.1.3 Sotto Kumitat Żamma tal-Ordni Pubblika (Keith Darmanin)

Kenneth Tabone, Michael Cassar, Edgar Busuttil, Luke Genuis

6.1.4 Sotto Kumitat Ħidma u Għajnuna Soċjali (Doris Vella)

Mary Frendo, Pawlina Barber, Charlie Vassallo, Manuel Mifsud, Cikka Briffa, Doris Scicluna

6.2 Is-Sur K. Darmanin qal li kellu laqgħa mas-Sur Alfons Zammit fuq Youth Exchanges. Jekk il-Kunsill jaċċetta qed jipproponi li b'kollaborazzjoni mas-Sur Zammit l-ewwel exchange tkun f'Lulju u rridu nsibu 8 żgħażagħ bejn 16 u 20 sena kif ukoll Leader mara.

Il-Kunsill unanimament qabel li jsiru dawn l-Exchanges. Ser isiru l-avviżi neċessarji fil-knejjes u fil-gazzetti. It-tmien parteċipanti ser jittellgħu bil-polza minn fost dawk iż-żgħażagħ kollha li ser jiġu jinkitbu.

6.2.1 Is-Sur Darmanin qal li kellu laqgħa mal-Iskwadra ta' Kontra d-Drogi u sar qbil li ssir laqgħa għar-residenti xi Sibt filgħodu fis-sajf.

6.2.2 Is-Sur Darmanin qal ukoll li kellu intervista minn studenta universitarja tal-liġi fuq in-Neighbourhood Watch.

6.3 Is-Sur Frans Agius staqsa dwar jekk ġiex iffirmat il-ftehim. Is-Seg. Eżek wieġeb li ser jerġa jkellem lis-Sur Ray Abela tat-TCTC sabiex jiċċekkja dwar il-ħlas mitlub fuq dan il-ftehim għal dawn il-korsijiet tal-kompjuter.

6.3.1 Is-Sur Agius qal li reġgħu ħarġu s-sejħiet għall-Lifelong Learning min-naħa tad-Dipt. tal-Edukazzjoni. Is-Sur Agius ssuġġerixxa li nagħmlu biss dawk il-korsijiet li ma jinvolvu ebda ħlas għall-Kunsill li huma Ingliż, Malti u Matematika.

Il-Kunsill qabel unanimament li noħroġu sejħa għal dawn il-korsijiet. Ser jintbgħatu l-avviżi fil-gazzetti u knejjes.

6.3.2 Is-Sur Agius staqsa lis-Seg. Eżek. jekk intbgħatux l-ittri relatati ma' Ġieh Ħal Tarxien. Is-Seg. Eżek. wieġeb li għad iridu jintbgħatu peress li l-istaff kien impenjat fuq xogħol ieħor. Ladarba tgħaddi l-festa ser jara li jintbgħatu dawn l-ittri. Ġieh Ħal Tarxien

6.4 Is-Sur I. Dalli qal li kellu laqgħa mal-Greenpak biex jara kif nistgħu nżiedu rata tal-ġbir tal-iskart riċiklat fir-raħal.

6.4.1 Kif ukoll kellu laqgħa mal-operatur tal-knis fejn sab kollaborazzjoni assoluta mingħandu.

6.5 Is-Sinj. D. Vella qalet li ser torganizza ħarġa għat-tfal fix-xahar ta' Ġunju. Is-Sinj. Vella talbet sabiex il-kunsill japprova li jħallas l-ispejjeż tat-trasport għat-tfal residenti għand is-sorijiet.

Il-Kunsill qabel li ssir din l-attiivta' kif ukoll li l-ħlas tat-trasport tat-tfal residenti għand is-sorijiet ikun ssussidjat mill-Kunsill.

6.6 Is-Sindku qal li rċevejna invit għall-10 ta' Ġunju 2013 fit-8pm fil-Knisja ta' San Bert mingħand is-Sinj. Veronica Barbara ta' Ħal Tarxien maż-Żmien.

6.6.1 Is-Sindku qal li ser jissuġġerixxi lil ħwienet u każini li din is-sena minnflok bins għal jiem

tal-festa joħorġu boroż suwed u l-Kuntrattur tal-iskart domestiku bi ftehim mal-Kunsill kull fil-għaxija jgħaddi jiġbor dawn il-boroż. Is-Sindku ser jitkellem mal-Kuntrattur biex jara xi spejjeż hemm involuti.

Il-Kunsill qabel li jsir hekk.

## 7 Għeluq tal-Laqgħa

i Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

ii Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 19 ta' Ġunju 2013 fil-5.30pm.

Sur Joseph Abela
Sindku

Sur Paul Pace Dip. B. A. Bus Mangt MBA
Seg. Eżek